# IL-BIDWI

FOLJU MAĦRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

EDITUR: C. ZAMMIT-MARMARA', M.B.E.

Nru. 98 OTTUBRU, 1947. Nru. 98


## L-AĦĦAR TISLIMA TA' L-EDITUR

**MITA FL-1919 FETTILLI NOĦROĠ GĦALL-EWWEL DARBA FOLJU TAĦT L-ISEM TA' "IL-BIDWI", JIENA KELLI L-ĦSIEB U X-XEWQA QAWWIJA LI NĠIB 'IL QUDDIEM IL-BIEDJA TAL-PAJJIŻ LI MA KIENET XEJN MIEXJA MAŻ-ŻMIEN, U FL-ISTESS ĦIN BIEX NAGĦTI F'IDEJN IL-BDIEWA TAGĦNA QARI TAJJEB LI JHEĠĠIĠHOM F'SENGĦATHOM U JGĦINHOM FI ĦWEJJEĠ OĦRA ILLI HUMA JSIBU TA' GĦAJNUNA JEKK IKOLLHOM BŻONN IHALLU X-XTUT TA' DAWN IL-GŻEJJER BIEX JAQILGĦU L-GĦIXIEN TAGĦHOM F'PAJJIŻI OĦRA. "IL-BIDWI" KIEN APPREZZAT ĦAFNA MILL-AWTORITA' TA' L-EMIGRAZZJONI, U KIEN UKOLL JINQARA FIL-PAJJIŻI KOLLHA FEJN JINSABU MXERRDA ĦUTNA L-MALTIN.**

**Flimkien ma' kitba oħra li kont noħroġ mita sewwa sew kelli 15-il sena, "Il-Bidwi" kien iħajjar lill-bdiewa li ma jafux jaqraw biex jitgħallmu l-iskola. Il-progress tal-biedja mad-dinja kollha kien miexi bil-ħeffa, fil-waqt li f'artna kien għadu ħafna lura. Kif kulħadd jaf, jekk il-biedja kienet tibqa' lura mhux biss kienet tkun ta' ħsara lill-pajjiż, imma l-bidwi tagħna kien ukoll isib ruħu bil-bosta lura minn bdiewa oħra mita jemigra. Tabilħaqq, tfal tal-kampanja kienu wkoll ifittxu l-iskola, iżda l-biċċa l-kbira mita jispiċċaw mill-klassijiet ta' l-iskola ma kenux jinteressaw ruħhom iktar fit-tagħlim. B'hekk "Il-Bidwi" kien qiegħed jagħmel servizz kbir billi kien iġagħal-hom jinteressaw ruħhom fil-qari u fil-progress tal-biedja.**

"Il-Bidwi" kien baqa' joħroġ sal-1931 b'ċirkulazzjoni ta' 7,000 kopja. Imbagħad bi ftehim mal-mejjet Avukat Ġużè Micallef, li kien Direttur tal-Biedja, "Il-Bidwi" kien waqaf mill-missjoni tiegħu biex jagħmel wisa' għall-"Melita Agricola", li kien sejjer joħroġ id-Dipartiment tal-Biedja. Iżda l-"Melita Agricola" wkoll waqfet wara ftit żmien, u l-bdiewa sabu ruħhom mill-ġdid mingħajr il-folju tagħhom!

Fil-bidu tal-1942, jiena ġejt imsejjaħ biex ngħin lill-Gvern fid-diffikultajiet illi l-gwerra tefgħet fihom lil pajjiżna, u għalhekk jiena deherli li, iżjed minn qabel, "Il-Bidwi" għandu missjoni iżjed kbira x'jagħmel! B'hekk dan il-folju, taħt id-Dipartiment tal-Biedja, reġa' ra d-dawl fi ħruġ l-1942.

Jiena ma iniex fi ħsiebni li noqgħod insemmi hawnhekk il-ġid kbir li għamel dan il-folju fi żmien il-gwerra. Dan ġie msemmi iżjed minn darba minn kittieba oħra. In-numru ta' kopji li għall-bidu kienu 500, issa żdiedu f'ċirkulazjoni ta' 5,000 kopja, u kieku l-Gvern ikun jista' jżid iċ-ċirkulazzjoni tiegħu, it-talb għalih kiber iżjed minn sena 'l hawn.

**Għall-ġid ta' pajjiżna u tagħhom stess, il-bdiewa għandhom iżommu ruħhom imgħarrfin bil-progress li qiegħed isir fis-sengħa tagħhom mad-dinja kollha. Jiena nħoss li għandi nagħti twiddiba waħda, iżda serja, lill-bdiewa kollha biex ma jħallu l-ebda ħaġa tifridhom minn xulxin. IL-GHAQDA FIHA L-FORZA. FLIMKIEN TIMXU, JEKK TINFIRDU TINQERDU. Ftakru wkoll illi fid-dinja ma hemm l-ebda ħaġa wieqfa. Jekk ma timxix 'il quddiem allura tmur lura!!!**

Fis-seklu li aħna fih, il-bniedem għaraf, bil-għajnuna t'Alla, jikkontrolla l-art, l-ajru u l-baħar. Huwa vvinta ajruplani li jivvjaġġaw minn pajjiż għall-ieħor b'ġiri li ma jitwemminx. Vapuri ta' kobor immens li jaqsmu l-ibħra fi żmien wisq inqas milli kienu jaqsmuhom ftit snin ilu. Bis-saħħa ta' l-invenzjoni tar-radju, il-bniedem jista' l-lum jisma' f'daru stess l-istazzjonijiet tad-dinja kollha, u jista' wkoll jibgħat ritratti bit-telegrafu mingħajr fili. Huwa jista' jitkellem ukoll minn daru mal-qraba u ħbieb tiegħu li jinsabu f'artijiet oħra. Il-bniedem sab mezz biex jieħu minn taħt l-art żejt u faħam biex bihom iħaddem il-fabbriki kolossali li għamel, u tgħallem ukoll iħaddem l-atomu li jista' jservi ta' ġid immens jew inkella ta' qirda ta' l-umanità. Il-bniedem il-lum, bis-saħħa ta' l-istudju, kiseb tant kumditajiet, li kienu jġibu għira lir-renjanti u l-prinċpijiet ta' l-imgħoddi.

**B'danakollu, bl-invenzjonijiet sbieħ kollha, il-biedja baqgħet u tibqa' dejjem il-qofol tad-dinja. Jekk il-biedja tiġi abbandunata, l-invenzjonijiet kollha li saru u li għad isiru kollha jerġgħu lura għat-trab li minnu ġew.**

Jiena wasalt biex nitlaq il-kariga tiegħi mal-Gvern u għalhekk nitlaq ukoll ix-xogħol tiegħi bħala Editur ta' dan il-folju. Fiż-żmien li jiena mexxejt dan il-ġurnal, għamilt ħilti kollha biex inqiegħed f'idejkom qari tajjeb u meħtieġ għall-ġid tagħkom, tal-biedja tagħna u tal-pajjiż. Issa dan l-artikolu jservi bħala l-aħħar tislima tiegħi lill-qarrejja kollha ta' dan il-folju. Jiena nittama li l-missjoni li għalih ħriġt dan il-ġurnal titkompla mid-Dipartiment tal-Biedja bl-istess imħabba u ħrara li ġagħlitni noħroġ l-ewwel darba dan il-folju għalikom.

**Ma nistax nagħlaq dawn l-aħħar kelmtejn tiegħi mingħajr ma nirringrazzja minn qalbi lil dawk kollha li f'dawn l-aħħar ħames snin tawni għajnuna tajba bil-kitba tagħhom, kif ukoll lil dawk il-ħbieb li dejjem inkoraġġewni biex inkompli dan ix-xogħol tiegħi. Il-kooperazzjoni li wrew miegħi ma ninsiha qatt.**

**Bl-isbaħ xewqat għall-futur tagħkom, insellmilkom minn qalbi: IS-SLIEM GHALIKOM!**

C. ZAMMIT-MARMARA'.

### IL-PESTA TA' L-IFRAT

**Biex id-Dipartiment tal-Biedja jrażżan kemm jista' jkun it-tixrid tal-pesta ta' l-ifrat, waqqaf għal ftit żmien it-tagħmir tal-bhejjem kollha ta' l-ifrat, nagħaġ u mogħoż fil-post tat-tagħmir li għandu l-Gvern fit-telgħa ta' Ħal Luqa.**

**Il-ħnieżer u l-fniek jistgħu jibqgħu jittieħdu għat-tagħmir bħal qabel.**


**BEJGĦ TA' ŻRIERAGĦ U XTIELI**

**Iż-żrieragħ u xtieli li kienu jinxtraw mill-Kjosk tad-Dipartiment tal-Biedja li kien hemm barra Putirjal, qegħdin issa jinbiegħu mill-kamra li hemm mat-Tijatru Rjal, South Street, il-Belt, fuq il-parapett.**

